A.L. 272 ta' 2001

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science in Agricultural and Veterinary Pharmacy - M.Sc.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tas-sena 2001 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science in Agricultural and Veterinary Pharmacy - M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Science in Agricultural and Veterinary Pharmacy - M.Sc. - ippubblikati bħala Avviż Legali 42 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2002 jew wara.

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) li jsegwi għandu jiżdied wara l-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali:

"(2) F'każijiet eċċezzjonali, il-Bord jista' jaċċetta kandidati li jkollhom il-gradi stipulati fis-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-

regolament miksuba fit-Tielet Kategorija bl-Unuri, sakemm dawn il-kandidati jkunu mitluba jtemmu b'suċċess programm supplimentari, kif mitlub mill-Bord."

4. Il-paragrafu (2) tar-regolament 4 għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (3).